**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**(011/2019)**[1]

1.7.2024

# AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Il-prinċipji tal-każijiet ta' immunità**

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 7, 8 u 9 tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

– wara li kkunsidra l-Artikoli 5, 6, 7 u 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu;

– wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,

stabbilixxa l-prinċipji li ġejjin skont l-Artikolu 9(13) tar-Regoli ta' Proċedura:

**<u>Parti I – Prinċipji ġenerali</u>**

1. L-immunità parlamentari hija garanzija tal-indipendenza tal-Parlament kollu kemm hu u tal-Membri tiegħu, u mhijiex privileġġ personali tal-Membru.

2. Il-Kumitat mhuwiex qorti tal-ġustizzja.

3. L-iskop tal-immunità parlamentari huwa li jiġu protetti l-Parlament u l-Membri tiegħu minn proċedimenti legali fir-rigward ta' attivitajiet imwettqa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari u li ma jistgħux jiġu separati minn dawk id-dmirijiet.

4. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jiddeċiedu dwar il-ħtija jew le tal-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa, u dwar l-adegwatezza tal-proċedimenti ġudizzjarji. Il-Kumitat ma jikkunsidrax tali aspetti. Il-Kumitat sempliċiment jiddeċiedi jekk ikunx hemm ostaklu għall-proċedimenti ġudizzjarji li jirriżulta mill-ħtieġa li

[1] Kif emendata fit-30 ta' Mejju 2023 u fid-19 ta' Settembru 2023



Magħquda fid-diversità

tinżamm l-indipendenza tal-Parlament.

5. Fil-kuntest ta' każijiet ta' immunità, il-kumitat ma jiddiskutix il-merti relattivi tas-sistemi ġuridiċi u ġudizzjarji nazzjonali. Nuqqasijiet allegati fis-sistemi ġudizzjarji nazzjonali ma jistgħux iservu biex jiġġustifikaw deċiżjoni li ma titneħħiex, jew li tiġi difiża, l-immunità ta' Membru.

**<u>Parti II – Proċedura</u>**

<u>Pożizzjoni tar-rapporteur</u>

6. Il-Kumitat għandu jaħtar rapporteur għal kull każ ta' immunità.

7. Għal dan l-għan, kull grupp politiku għandu jindika Membru wieħed biex ikun rapporteur permanenti għal każijiet ta' immunità, li għandu jkun il-koordinatur, sabiex ikun żgurat li l-każijiet ta' immunità jkunu trattati minn Membri b'esperjenza. Il-gruppi politiċi għandhom jiżguraw li jaħtru rapporteurs permanenti tal-akbar integrità.

8. Il-pożizzjoni ta' rapporteur għal kull każ ta' immunità se tkun fuq bażi ta' rotazzjoni ugwali bejn il-gruppi politiċi. Madankollu, ir-rapporteur ma jistax ikun membru tal-istess grupp, jew ikun elett fl-istess Stat Membru, tal-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa.

<u>L-immaniġġjar tal-każijiet ta' immunità</u>

9. Il-kumitat u r-rapporteur għandhom jagħmlu ħilithom biex jikkonkludu kull każ ta' immunità malajr kemm jista' jkun, filwaqt li jqisu l-kumplessità relattiva ta' kull każ.

10. L-eżami ta' kull każ ta' immunità għandu jinkludi preżentazzjoni inizjali mir-rapporteur, seduta ta' smigħ fakultattiva, skambju ta' fehmiet u votazzjoni abbażi ta' abbozz ta' rapport imressaq mir-rapporteur.

<u>Ħin għad-diskorsi</u>

11. Fid-dawl taż-żmien limitat disponibbli għall-kumitat sabiex jeżamina każijiet ta' immunità, il-ħin għad-diskorsi għal każijiet ta' immunità għandu jiġi rregolat strettament mill-President.

12. Ir-rapporteur jista' jitkellem fil-qosor fil-ftuħ u fl-għeluq ta' kwalunkwe diskussjoni għall-eżami ta' każ ta' immunità, għal madwar ħames minuti f'kull każ.

13. Membri oħra jistgħu jitkellmu fil-qosor, għal madwar żewġ minuti kull wieħed, waqt skambju ta' fehmiet. Fil-każ ta' seduta ta' smigħ, jistgħu wkoll jitkellmu fil-qosor sabiex jistaqsu mistoqsijiet.

<u>Seduti ta' smigħ</u>

14. Is-seduti ta' smigħ huma fakultattivi, jiġifieri Membru jista' jirrinunzja għad-dritt tiegħu ta' seduta ta' smigħ fi kwalunkwe każ. Barra minn hekk, ir-rapporteur għandu jagħti parir lill-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa li seduta ta' smigħ ma tkunx utli f'każijiet sempliċi jew mingħajr ebda oppożizzjoni.

15. Il-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa għandu d-dritt li jinstema' bil-lingwa tiegħu, sakemm din tkun lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

16. Meta tkun se ssir seduta ta' smigħ, il-kumitat għandu jistieden lill-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa sabiex jinstema' fl-ewwel laqgħa possibbli tal-kumitat. Ma għandhomx jitqiesu l-impenji jew il-preferenzi tal-Membri għajr tal-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa u r-rapporteur. Meta l-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa ma jkunx jista' jinstema' fi żmien raġonevoli, minħabba pereżempju raġunijiet mediċi serji, il-proċedura għandha tipproċedi mingħajr tali seduta ta' smigħ.

17. Meta l-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa ma jkunx jista' jattendi s-seduta ta' smigħ fiżikament għal raġunijiet ta' ċaħda tal-libertà minħabba detenzjoni jew priġunerija, jew għal parti jew għat-tul kollu tal-mandat, u jkun esprima r-rieda li jgawdi d-dritt tiegħu li jinstema', is-seduta ta' smigħ għandha ssir permezz ta' parteċipazzjoni remota permezz ta' pjattaforma sigura pprovduta mill-Parlament Ewropew. Għandhom jittieħdu miżuri xierqa sabiex tiġi ppreservata l-kunfidenzjalità tal-proċedimenti u l-karattru kunfidenzjali tas-seduta ta' smigħ; f'dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet kollha relatati mas-seduta ta' smigħ fil-preżenza fiżika għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. Fejn rilevanti, għandhom isiru arranġamenti *ad hoc* għal tali seduta ta' smigħ mal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri.

18. L-Artikolu 9(6), it-tielet, ir-raba' u l-ħames subparagrafi, għandhom japplikaw għal stediniet għal seduti ta' smigħ.

19. Ma għandux ikun hemm aktar minn seduta ta' smigħ waħda f'kull każ. Madankollu, f'każijiet li jkunu eċċezzjonalment kumplessi, ir-rapporteur jista' jipproponi lill-kumitat li ssir seduta ta' smigħ oħra. Il-kumitat jivvota dwar tali proposta.

20. Il-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa jew il-Membru li jirrappreżentah jistgħu jitkellmu biss waqt is-seduta ta' smigħ fakultattiva. Huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni ta' introduzzjoni, li ma għandhiex iddum aktar minn madwar 15-il minuta, u warajha huwa għandu jwieġeb fil-qosor għall-mistoqsijiet imressqa minn Membri oħra.

21. Il-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa jista' jiġi rappreżentat biss minn Membru tal-Parlament Ewropew fil-kariga ieħor, li, madankollu, ma għandux ikun membru jew membru sostitut tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali. F'dan il-każ, is-seduta ta' smigħ għandha ssir biss fil-preżenza fiżika.

22. Għas-seduta ta' smigħ, il-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa jista' jkun akkumpanjat minn avukat jew konsulent legali. L-avukat jew il-konsulent legali ma għandux ikun intitolat li jintervjeni, iżda jista' jagħti parir lill-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa waqt is-seduta ta' smigħ. Il-Parlament Ewropew ma għandux iħallas l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-avukat jew tal-konsulent legali.

<u>Dokumenti ta' sostenn</u>

23. Taħt l-awtorità tar-rapporteur, is-segretarjat għandu jkollu dawk id-dokumenti li huma rilevanti għad-deċiżjoni tal-kumitat tradotti fil-lingwi ta' ħidma tal-kumitat. F'ħafna

każijiet, dan se jkun limitat għat-talba formali għat-tneħħija jew id-difiża, akkumpanjata mill-att ta' akkuża jew it-talba ġudizzjarja.

24. Il-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa jista' jippreżenta dokumenti dwar il-każ tiegħu flimkien ma' kwalunkwe dokumenti addizzjonali diġà mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali.

25. Kwalunkwe dokument meqjus mhux rilevanti għad-deċiżjoni tal-kumitat ma għandux jiġi tradott.

26. Id-deċiżjoni finali dwar jekk dokument partikolari għandux jiġi tradott jew le hija f'idejn ir-rapporteur. Meta jieħu dik id-deċiżjoni, ir-rapporteur għandu jżomm f'moħħu l-ispejjeż tat-traduzzjoni fil-lingwi ta' ħidma tal-kumitat.

**Parti III - Kunfidenzjalità**

27. Meta jkun qed jittratta każijiet ta' immunità, il-kumitat għandu japplika awtomatikament il-proċedura kunfidenzjali stabbilita fl-Artikolu 227.

Aċċess għas-sala

28. Il-każijiet ta' immunità għandhom dejjem jiġu eżaminati bil-magħluq. Is-segretarjat, bl-għajnuna tal-uxxiera, għandu jiżgura li dawn li ġejjin biss ikunu preżenti fis-sala:

a) il-membri u l-membri sostituti tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali;

b) meta ssir seduta ta' smigħ, il-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa jew, jekk ma jkunx jista' jattendi, il-Membru li jirrappreżentah, u, jekk ikun il-każ, l-avukat jew il-konsulent legali tal-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa, kif ukoll kwalunkwe Membru ieħor tal-Parlament Ewropew, f'kull każ matul is-seduta ta' smigħ biss;

b (ġdid) meta jittieħed vot, is-sostituti kif imsemmi fl-Artikolu 216(7) debitament maħtura bil-miktub minn membru sħiħ tal-kumitat u kkomunikati bil-miktub lill-President qabel il-bidu tal-laqgħa tal-kumitat, għat-tul tal-votazzjoni biss; il-President jista' b'mod eċċezzjonali jippermetti li s-sostitut kif imsemmi fl-Artikolu 216(7) ikun preżenti waqt l-eżami tal-abbozz ta' rapport skedat fl-abbozz ta' aġenda biex immedjatament jippreċedi l-votazzjoni; f'każ bħal dan is-sostitut kif imsemmi fl-Artikolu 216(7) m'għandux jieħu sehem fid-diskussjoni u m'għandu jintbagħatlu l-ebda dokument li jikkonċerna l-każ;

c) il-persunal tas-segretarjat tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, u persunal ieħor tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew li xogħolhom jeħtieġ strettament il-preżenza tagħhom għall-iżvolġiment xieraq tal-laqgħa;

d) persunal tal-gruppi politiċi u s-segretarjat tal-Membri mhux affiljati li normalment isegwu l-ħidma tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, li xogħolhom jeħtieġ strettament il-preżenza tagħhom u li isimhom ikun ġie nnotifikat bil-miktub lis-segretarjat tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali;

e) assistent parlamentari akkreditat wieħed tal-President u r-rapporteurs permanenti

għall-immunitajiet li xogħolhom jeħtieġ strettament il-preżenza tagħhom u li isimhom ikun ġie nnotifikat bil-miktub lis-segretarjat tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali.

Għall-finijiet tal-ittri c) - e) tal-punt 28, it-trainees ma għandhomx jitqiesu bħala persunal jew assistenti parlamentari akkreditati u ma għandhomx jingħataw aċċess.

29. L-ebda persuna oħra ma għandha tingħata aċċess. Dik ir-restrizzjoni fuq l-aċċess għandha tapplika, b'mod partikolari, għall-assistenti tal-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa. Il-President jista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jippermetti eċċezzjonijiet għal din ir-regola.

30. Il-parteċipanti ma għandhom jagħmlu l-ebda reġistrazzjonijiet awdjo jew vidjo meta l-każijiet ta' immunità jkunu qed jiġu diskussi. Il-minuti ma għandhomx jinkludu l-kontenut ta' kwalunkwe dibattitu, iżda għandhom jirreġistraw kwalunkwe deċiżjoni milħuqa.

<u>Aċċess għad-dokumenti</u>

31. Id-dokumenti tradotti għall-finijiet tal-eżami mill-kumitat għandhom jiġu ċċirkolati, fil-forma ta' avviż lill-membri, mis-segretarjat, qabel kull laqgħa li fiha każ speċifiku ta' immunità jkun se jiġi diskuss. L-avviż lill-membri għandu jiġi ċċirkolat biss lill-President (f'każ li jippresiedi s-sostitut għal-laqgħa, l-avviż lill-membri jintbagħat ukoll lill-Viċi President li jippresiedi l-laqgħa), lir-rapporteurs permanenti għal każijiet ta' immunizja, lil membru tal-persunal tal-gruppi politiċi għal kull grupp u lil membru tas-segretarjat tal-Membri mhux affiljati li jsegwi l-każijiet ta' immunità, lil żewġ membri tas-Servizz Legali li jittrattaw każijiet ta' immunità u lill-membri tas-segretarjat tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali li jittrattaw każijiet ta' immunità. L-istess għandu japplika għal kwalunkwe avviż ieħor lill-membri li jista' jiġi ppreżentat fir-rigward ta' każ partikolari ta' immunità. L-avviż lill-membri ma għandu jiġi ċċirkolat lil ħadd aktar. Iċ-ċirkolazzjoni għandha ssir permezz ta' email protetta b'password.

31a.(ġdid) Il-gruppi politiċi u s-segretarjat tal-Membri mhux affiljati għandhom jgħarrfu lis-segretarjat tal-Kumitat bl-isem tal-konsulent politiku/membru tas-segretarjat tal-Membri mhux affiljati responsabbli għall-każijiet ta' immunità u b'mod partikolari għal kull każ ta' immunità partikolari. Is-servizz Legali għandu jgħarraf lis-segretarjat tal-Kumitat bl-ismijiet taż-żewġ membri tiegħu li jittrattaw każijiet ta' immunità u li għandhom jirċievu l-avviż lill-membri.

31b. (Ġdid) **Nota ta' informazzjoni lill-Membri** għandha tiġi ċċirkolata lill-membri kollha jew lill-membri sostituti tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, lill-persunal tal-gruppi politiċi u lis-segretarjat tal-Membri mhux affiljati li normalment isegwu l-ħidma tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u lil kwalunkwe persunal rilevanti ieħor tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew; in-nota ta' informazzjoni ma għandhiex issemmi dan li ġej:

a) f'każ tat-talbiet għat-tneħħija tal-immunità: l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew tal-UPPE li titlob it-tneħħija tal-immunità (l-Artikolu 9(1)), l-awtorità kompetenti li tibgħat it-talba lill-PE jew lill-UPPE (l-Artikolu 9(12)) kif ukoll l-akkużi imputabbli lill-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa;

b) f'każ tat-talbiet għall-ħarsien tal-immunità: l-isem tal-Membru jew l-ex Membru kkonċernat u l-awtur tat-talba (Artikolu 9(1) u (2)) u s-sommarju tal-kontenut tat-talba.

32. Il-fajl sħiħ jista' jiġi kkonsultat personalment mill-membri jew mill-membri sostituti tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, u mill-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa, fil-bini tas-segretarjat fi Brussell, permezz ta' appuntament biss. Ma jistax jiġi misluf, u ma jistgħux isiru kopji tiegħu, ta' l-ebda xorta. L-ebda persuna oħra ma jista' jkollha aċċess għall-fajl, sakemm ma tkunx il-Membru li jirrappreżenta lill-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa jew l-avukat jew il-konsulent legali tal-Membru li l-immunità tiegħu tkun qed tiġi diskussa. Fl-aħħar żewġ istanzi, id-deċiżjonijiet dwar il-konsultazzjoni tal-fajl għandhom jittieħdu mill-President.

Għall-fini tal-konsultazzjoni tal-fajl, għandha tiġi stabbilita kamra tal-qari fil-bini tas-segretarjat fi Brussell u tkun disponibbli, permezz ta' appuntament biss, mit-Tnejn sal-Ħamis, mid-9.00 sas-18.00, u l-Ġimgħa mid-9.00 sas-14.00, mill-5 jum tax-xogħol qabel id-data tal-laqgħa tal-kumitat fejn każ ta' immunità partikolari jitqiegħed fuq l-aġenda tal-Kumitat, sa jum wara li l-Kumitat jadotta abbozz ta' rapport f'dak il-każ ta' immunità.

Ir-rispett tal-kunfidenzjalità tal-proċedimenti

33. Il-kunfidenzjalità tal-proċedimenti tal-immunità għandha tiġi rispettata. B'mod partikolari, għandu jsir kull sforz sabiex tinżamm l-akbar diskrezzjoni dwar is-seduti ta' smigħ ta' immunità. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 227 tar-Regoli ta' Proċedura u d-dispożizzjonijiet dixxiplinarji rilevanti tar-Regolamenti tal-Persunal japplikaw.

**Parti IV – Deċiżjonijiet dwar każijiet ta' immunità**

Abbozz ta' rapport u votazzjoni

34. Ir-rapporteur għandu jipprepara abbozz ta' rapport għall-eżami mill-kumitat hekk kif il-progress magħmul fil-proċedura jippermetti. F'dan il-kuntest, ir-rapporteur għandu jqis iż-żmien meħtieġ għat-traduzzjoni u r-riflessjoni qabel il-votazzjoni.

35. Il-Kumitat imbagħad għandu jipproċedi biex jivvota mal-ewwel opportunità, jiġifieri kemm jista' jkun malajr wara l-iskambju ta' fehmiet u/jew kwalunkwe seduta ta' smigħ, wara li jiġu meqjusa ċ-ċirkostanzi tal-każ.

36. Fid-dawl tan-natura speċifika tal-proċeduri tal-immunità, il-prassi tal-kumitat hija li ma jitressqu l-ebda emendi għal abbozz ta' rapport. Għandu jkun possibbli biss li wieħed jivvota favur jew kontra l-proposta f'abbozz ta' rapport.

37. Huma biss il-membri jew il-membri sostituti tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali li jistgħu jieħdu sehem fil-votazzjoni. Is-sostituti kif imsemmija fl-Artikolu 216(7) għandhom jinħatru bil-kitba minn membru sħiħ tal-kumitat u jiġu kkomunikati lill-President qabel il-laqgħa.

38. Fejn il-maġġoranza tal-membri tivvota kontra l-proposta li tinsab fl-abbozz ta'

rapport, id-deċiżjoni kuntrarja għandha titqies li tkun ġiet adottata. Ir-rapport finali għandu jkun miktub mill-ġdid kif meħtieġ, taħt l-awtorità tal-President.

39. Ir-rapporti adottati għandhom jitpoġġew fuq l-aġenda tas-sessjoni plenarja li jmiss.

<u>Tneħħija tal-immunità</u>

40. It-talbiet għat-tneħħija tal-immunità huma bbażati fuq l-Artikolu 9 tal-Protokoll. Fejn il-proċedimenti jkunu qed isiru fl-Istat Membru tal-elezzjoni, il-liġi ta' dak l-Istat Membru għandha tapplika fl-istess mod daqslikieku l-Membru li tkun qed tiġi diskussa l-immunità tiegħu kien membru tal-parlament nazzjonali. Fil-każ ta' proċedimenti fi Stat Membru ieħor, il-Membri jkollhom l-immunità minn kwalunkwe miżura ta' detenzjoni u minn proċeduri legali. Fejn il-proċeduri jsiru fl-Istat Membru tal-elezzjoni, tkun għaldaqstant kwistjoni ta' liġi nazzjonali jekk talba għat-tneħħija tal-immunità tkunx meħtieġa.

41. Il-kumitat ma għandux ineħħi l-immunità ta' Membru jekk l-investigazzjoni, id-detenzjoni jew il-proċeduri legali jkunu fir-rigward tal-opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom, kif stabbilit mill-Artikolu 8 tal-Protokoll, peress li talba għat-tneħħija tkun inammissibbli f'tali każ.

42. Opinjoni titqies li hija espressa fil-qadi tad-dmirijiet ta' Membru jekk tiġi espressa fl-istess preċinti tal-Parlament Ewropew. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, opinjoni tista' wkoll titqies li ġiet espressa fil-qadi tad-dmirijiet ta' Membru jekk kienet evalwazzjoni suġġettiva espressa barra l-Parlament li jkollha konnessjoni diretta u ovvja ma' dmirijietu bħala Membru tal-Parlament Ewropew. Sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' tali konnessjoni diretta u ovvja, għandhom jiġu kkunsidrati n-natura u l-kontenut tal-evalwazzjoni suġġettiva inkwistjoni.

43. Fejn il-proċedimenti inkwistjoni ma jikkonċernawx opinjonijiet espressi jew voti mogħtija fil-qadi tad-dmirijiet ta' Membru, l-immunità għandha titneħħa sakemm ma jkunx jidher li l-intenzjoni wara l-proċedimenti legali tista' tkun li tagħmel ħsara lill-attività politika ta' Membru Parlamentari u għaldaqstant lill-indipendenza tal-Parlament (*fumus persecutionis*).

44. Meta talba għat-tneħħija tal-immunità tkun waslet imma jkun jidher li l-Membru kkonċernat fit-talba ma jkun igawdi minn ebda immunità fil-każ speċifiku, it-talba għandha titqies inammissibbli. Il-Kumitat ma għandux joħroġ rapport, iżda għandu jibgħat ittra lill-President li tirrakkomanda li huwa jqis it-talba inammissibbli. Il-kumitat għandu jivvota fuq din l-ittra. Jekk il-President jaqbel mal-valutazzjoni tal-kumitat, għandu jħabbar dan fis-sessjoni Plenarja u l-każ għandu jingħalaq mingħajr ma tittieħed ebda azzjoni ulterjuri mill-kumitat.

<u>Difiża tal-privileġġi u l-immunitajiet</u>

45. Talbiet għad-difiża tal-immunità ta' Membru jew ex Membru għandhom jirreferu għall-ksur ta' privileġġi jew immunitajiet konferiti mill-Artikoli 7, 8 u 9 tal-Protokoll. Tali talbiet għalhekk għandhom jikkonċernaw:
a) restrizzjoni ta' awtorità amministrattiva jew restrizzjoni oħra imposta fuq il-moviment liberu ta' Membru li jivvjaġġa lejn jew minn post ta' laqgħa tal-Parlament Ewropew;

b) nuqqas li jingħataw il-faċilitajiet xierqa fir-rigward tal-kontrolli tad-dwana u tal-kambju;
c) inkjesta, detenzjoni jew proċedimenti legali fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mogħtija fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari ta' Membru; jew
d) nuqqas mill-awtoritajiet ta' Stat Membru li jagħmlu talba għat-tneħħija tal-immunità skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll meta kellhom l-obbligu li jagħmlu dan.

46. Ħlief f'każijiet eċċezzjonali, talba għad-difiża ta' privileġġi u immunitajiet ma għandhiex tingħata sakemm ma tikkonċernax opinjonijiet espressi jew voti mogħtija fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari ta' Membru, jew jekk l-awtoritajiet nazzjonali jkunu naqsu milli jagħmlu talba għat-tneħħija tal-immunità, għalkemm kienu obbligati li jagħmlu dan.

47. Opinjoni titqies li hija espressa fil-qadi tad-dmirijiet ta' Membru jekk tiġi espressa fl-istess preċinti tal-Parlament Ewropew. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, opinjoni tista' wkoll titqies li ġiet espressa fil-qadi tad-dmirijiet ta' Membru jekk kienet evalwazzjoni suġġettiva espressa barra l-Parlament li jkollha konnessjoni diretta u ovvja ma' dmirijietu bħala Membru tal-Parlament Ewropew. Sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' tali konnessjoni diretta u ovvja, għandhom jiġu kkunsidrati n-natura u l-kontenut tal-evalwazzjoni suġġettiva inkwistjoni.

48. F'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, deċiżjoni ta' difiża tal-immunità ta' Membru ma tipproduċix effetti legali vinkolanti għall-awtoritajiet inkarigati mill-infurzar tal-liġi nazzjonali jew għall-awtoritajiet ġudizzjarji. Madankollu, tali awtoritajiet ikunu obbligati jissospendu l-proċeduri u jieħdu nota ta' tali deċiżjoni.

49. Talba għad-difiża ta' privileġġi u immunitajiet ma għandhiex tkun ammissibbli jekk tkun diġà saret, jew tkun diġà ġiet deċiża, talba għat-tneħħija tal-immunità b'rabta mal-istess fatti. Talba għad-difiża li tkun taħt eżami għandha tingħalaq jekk talba għat-tneħħija tkun ġiet riċevuta b'rabta mal-istess fatti.

50. Barra minn hekk, talba għad-difiża ta' privileġġi u immunitajiet ma għandhiex tkun ammissibbli meta talba għad-difiża tal-immunità tkun diġà saret, jew tkun diġà ġiet deċiża. L-unika eċċezzjoni tikkonċerna talba għal eżami mill-ġdid ta' tali deċiżjoni, imressqa flimkien ma' evidenza sostanzjali ġdida li turi l-eżistenza ta' ksur ta' privileġġi jew immunitajiet mogħtija mill-Protokoll.[2]

51. Meta l-kumitat iqis li talba hija inammissibbli skont il-punti ta' hawn fuq, ma għandux joħroġ rapport, iżda għandu jibgħat ittra lill-President tal-Parlament li tirrakkomanda li jqis it-talba inammissibbli. Il-kumitat għandu jivvota fuq din l-ittra. Jekk il-President jaqbel mal-valutazzjoni tal-kumitat, għandu jħabbar dan fis-sessjoni Plenarja u l-każ għandu jingħalaq mingħajr ma tittieħed ebda azzjoni ulterjuri mill-kumitat.

52. Meta l-Kumitat iqis, madankollu, li talba għal eżami mill-ġdid hija ammissibbli u hija akkumpanjata minn evidenza sostanzjali ġdida, huwa għandu jinforma lill-President u jittratta t-talba billi jsegwi l-istess proċedura daqslikieku kien każ ġdid.

[2] ĠU C 310/261

**<u>Parti V – Konklużjonijiet</u>**

53. Dan l-Avviż lill-Membri jissostitwixxi l-avviżi preċedenti kollha u kwalunkwe dokument ieħor tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali rigward il-prattiki u l-modalitajiet ta' ħidma tiegħu fil-qasam tal-immunitajiet.

Adottat fis-6 ta' Novembru 2019.